MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2004

Numru 432/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**PAUL GAUCI**

**Illum 14 ta' Settembru, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Paul Gauci ta' 47 sena, imwieled Birkirkara nhar id-9 ta' Frar 1957 iben il-mejtin Nicholas u Philippa nee` Cutajar, u li joqghod 'Notredame', Triq Antonio Galea, B'Kara detentur tal-karta ta' l-identita` 120257(M) gie akkuzat talli:

1) fis-17/05/04 ghall-habta tas-1.00 a.m., waqt li kien fir-residenza tieghu 'Notredame' Triq Antonio Galea f'Birkirkara, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna ferita fuq il-persuna ta' Maria Theresa Gauci ID 292363(M) hekk kif iccertifika Dr. Herman Borg Xuereb M.D. ta' l-isptar San Luqa, liema ferita aktarx tikkaguna debbulizza fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew iggib difett f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew, marda tal-mohh.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra l-piena applikabbli skond il-ligi, tapplika l-art. 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Maria Theresa Gauci ID 292363(M).

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. VA3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-artikolu tal-Ligi applikabbli rigward l-akkuza fil-konfront ta' l-imputat huwa l-artikolu 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati.

Innutat li l-parte civile Maria Theresa Gauci fid-deposizzjoni taghha moghtija fis-Seduta ta' llum qalet illi hi tigi mart l-imputat. Inoltre l-istess xhud qalet illi taghzel illi ma tixhidx kontra zewgha l-imputat u ddikjarat ukoll illi hi da parti taghha lil zewgha qieghda tahfirlu ta' l-akkadut.

Innutat ukoll li fil-Verbal ta’ l-istess Seduta l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 214 u 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Paul Gauci, fuq ammissjoni, hati ta’ l-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali netta ta’ l-imputat, il-fatt li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u dak li xehdet fis-Seduta ta’ llum il-parte civile Maria Theresa Gauci aktar qabel riportat f’din is-Sentenza, tillibera lill-istess imputat taht il-provvediment ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum.

Inoltre, il-Qorti, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Paul Gauci b’obbligazzjoni personali ta’ mitt Liri Maltin (Lm100) li bl-ebda mod ma jimmolesta lil Maria Theresa Gauci ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Paul Gauci l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------